MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 826/2011

**J.N.M Micallef (Ta' Karla) Limited C5004**

**vs**

**Kenneth Borg ID 445678M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Settembru 2011, fejn intalab li konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, sitt mija, hamsa u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1695.48c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra in-nota ta riduzzjoni tas-socjeta attrici ippresentata fit-12 ta' Lulju 2012 fejn l-ammont gie ridott ghall-elf, erba' mija u hamsa u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmi (€1495.48c)

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta’ Gunju 2013, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija u hamsa u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmi (€1495.48c), bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------